MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-6 ta' April, 2004

Talba Numru. 393/2004

**Maltacom p.l.c**

**vs**

**Joseph u Ann konjugi Cauchi**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta’ Frar 2004 fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati ihallasu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tmien mija u disgha u hamsin lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm859.42) liema ammont huwa dovut lis-socjeta attrici in konnessjoni man-numru tat-telephone 232441, (skond ma jirrizulta mill-annex Dok B).

Bl-ispejjez komprizi l-imghaxijiet legali, il-valur mizjud in konnessjoni mad-drittijiet professjonali kontra l-koonvenuti u bil-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuti iwiegbu ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuti gew regolarment notifikati, naqsu milli jidhru meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tmien mija u disgha u hamsin lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm859.42), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuti skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------